MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

**MAGISTRAT DR.**
**FRANCESCO DEPASQUALE**

Seduta tat-12 ta' Lulju, 2012

Avviz Numru. 508/2010

**Fl-Atti ta’ l-Ittra Ufficjali Numru: 1646/2010**

**Raymond Fenech**

**Vs**

**Ameenah Aljefairi**

**Illum 12 ta’ Lulju 2012**

**Il-Qorti**

Rat ir-rikors ta' Ameenah Aljefairiipprezentat fl-20 t'Ottubru 2010 fejn qalet illi permezz ta' ittra ufficjali numru 1646/2010 maghmulha a tenur ta’l-artikolu 166A tal-Kap 12 tal-Ligijiet ta' Malta, l-intimat Raymond Fenech ippermetta illi kien kreditur ta’ l-esponenti fl-ammont komplessiv ta' tlett t’elef, sitt mija u hamsa u tmenin Euro u tlieta u tletin centezmu, (€3,685.33) li a pretensjoni, r-rikorrenti ssosstni, huma infondati fil-fatt u fid-dritt.

Illi fl-1 ta' Lulju 2010, cioe fil-vaganzi tas-sajf, meta r-rikorrenti ma kienetx mistennija tattendi l-Universita, kopja ta’l-ittra ufficjali thalliet ma' Charmaine Cassar, prezumibbilment impjegata tal-Universita ta' Malta, li ma hijiex la membru tal-familja jew tad-dar tar-rikorrenti, la prokuratrici jew persuna fis-servizz taghha, u lanqas persuna awtorizzata minnha biex tircievi l-posta taghha.

Illi inoltre, l-indirizz fejn giet notifikata l-ittra huwa 'Administration Block, Room 109, University of Malta', li la huwa l-lok fejn toqghod jew tahdem r-rikorrenti u lanqas huwa l-post tax-xoghol jew indirizz postali taghha.

Illi fid-dawl ta' dan, r-rikorrenti sahqet lli n-notifika ma saritx skond l-ezigenzi ta’l-Artikolu 187 (1) tal-Kap 12 tal-Ligijiet ta' Malta u, hekk kif jipprovdi l-artikolu 166A (5) (i) tal-KAp 12 tal-Ligijiet ta' Malta, in-nullita ta' titolu ezekuttiv tista tintalab fuq din il-bazi.

Illi inoltre, u bla pregudizzju ghal dak gia sottomess, l-esponenti kienet assenti minn Malta fid-data ta’l-alleggat notifika, peress illi hija telqet minn Malta fil-25 ta' Gunju 2010 u regghet dahlet Malta fis-16 t'Awissu 2010, u ghalhekk inkiser il-proviso ta’l-Artikolu 166A (1) li jipprovdi esplicitament li l-procedura kontemplata ma tistax tintuza jekk id-debitur ma jkunx prezenti f'Malta.

Illi skont l-Artikolu 166A (5) (i) u/jew (ii), in-nullita tat-titolu ezekutiv tista tintalab ukoll fuq din il-bazi.

Illi, nonostante n-nullita tat-titolu ezekuttiv, inhareg Mandat ta' Sekwestru kontra l-esponenti bin-Numru 3520/2010 ghall-ammont komplessiv ta' tlett t’elef tmien mija u sebgha u disghin Euro, u tmien centezmi (€3,897.07) rapprezentanti sorte, imghax u spejjez.

Ghalhekk, ghar-ragunijiet fuq premessi, ir-rikorrent talbet sabiex dina l-Qorti tirrexxindi u tiddikjara null u bla effett it-titolu ezekuttiv miksub abbazi ta’ l-ittra ufficjali bin-numru 1646/2010 fl-ismijiet fuq premessi, kif ukoll tirrevoka u tiddikjara null u bla effett il-Mandat ta' Sekwestru Ezekuttiv 3520/10 li kien ibbazat fuq tali titolu ezekuttiv.

Bl-ispejjez u b'riserva ghall azzjoni ghal danni u imghax.

Rat ir-risposta ta' Raymond Fenechipprezentata fis-26 ta' Novembru 2010 fejn intqal li r-rikrorenti kienet dahlet f'kuntratt ta' lokazzjoni mal-esponent ghal sena u, f'mument minnhom, qabdet u abbandunat il-fond fl-ewwel tlett xhur tal-lokazzjoni u halliet ic-cavetta ma persuna ohra filwaqt illi kitbet lill-intimat permezz ta'l-avukat taghha sabiex huwa jigbor tali cavetta mit-terza persuna.

Illi l-esponenti carament kissret lobbligi kontrattwali taghha u minkejja diversi nterpellazzjonijiet sabiex thallas, hija dejjem baqghet inadempjenti u kull possibilta' ta' transazjoni tramite l-avukati rrizulta fin-negattiv.

Illi r-rikorrenti ma tat ebda informazzjoni dwar fejn marret toqghod u l-intimat ma kellu ebda mezz kif isir jaf fejn marret toqghod l-intimata.

Illi l-intimat gie infurmat minn student Universitarju barrani iehor illi jaf li r-rikrorenti, li l-persuna inkarigata minnhom u mill-bzonnijiet taghhom bhala studenti barranin ta' l-Universita kien l-Administration Block ta' l-universita, gewwa kamra numru 109.

Illi ghalhekk n-notifika ta'l-ittra ufficjali saret gewwa tali ufficju, liema ittra ufficjali saret fit-23 ta' Gunju 2010, meta l-esponenti kienet ghadha hawn.

Ghalhekk l-intimat talab illi r-rikors tar-rikorrenti ghandu jigi michud bl-ispejjez.

Rat il provi prodotti

Fis-seduta ta'l-10 t'Ottubru 2011, xehdet Carol Zammit fejn stqarret illi hija Student Advisor, u tiehu hsieb l-istudenti tal-Kuwait, u tahdem fi hdan l-Universita' gewwa l-Administration Building. Dwar ir-rikorrenti hija qalet li kienet l-Universita ta' Malta, u dana sa' Gunju 2010.

Dwar posta, hija stqarret illi huma ma jircevux posta ghall-istudenti madanakollu meta jircievu xi posta registrata, huma jaccettawha u jghadduha lill istudent kkoncernat meta jigu l-ufficju.

Dwar l-ittra lir-rikorrenti, hija qalet illi meta rceviet l-ittra meritu tal-kaz odjern, hija ppruvat diversi drabi tikkomunika mar-rikorrenti, sahansitra permezz ta' email, izda ma setghetx taqbad maghha. Sussegwentement, ghal ahhar ta' Settembru 2010, hija giet lura sabiex terggha tibda s-sena akkademika taghha u, ghalkemm ma tiftakarx ezzatt, tassumi illi dak iz-zmien ghadditilha l-ittra ufficjali.

Fis-seduta tal-25 ta' Novembru 2011, xehdet Charmaine Cassat illi qalet li hija tahdem l-Universita bhala messaggiera. Hi stqarret li l-ittra ufficjali ircevitha hi peress illi hija tahdem fil-mail room tal-Universita' u peress illi l-ittra kienet indirizzata lill-Universita', imbghad l-ittra inghaddiet fl-International Office.

Hija stqarret li jircievu hafna komunikazzjonijiet mill-Qorti fl-Universita' u ghalhekk ma rat xejn stramb meta rceviet l-ittra. Madanakollu, stqarret ukoll illi ma ghandha ebda awtorizazzjoni specjali biex tircievi ittra ghan nom ta' studenti.

Fl-istess seduta xehed ukoll Raymond Fenech fejn ikkonferma il-kontenut tar-risposta tieghu. Huwa stqarr illi kien ilu jigri wara r-rikorrenti beix jithallas u kien anke tkellem ma hbieb taghha sabiex jintervjenu, u dawna kienu jghidulu illi hi qalet li ser thallas izda wara xi zmien lanqas huma ma kellhom kuntatt maghha. Eventwalment, dawn il-persuni indikawlu li kellu jibghat ittra l-Universita u huma qalulu fejn. ghax, skond dawn il-persuni, l-Universita kienet tiehu hsieb dawn il-persuni, fosthom ir-rikorrenti. Huwa stqarr ukoll illi kieku kien jaf fejn toqghod, kien jibghatilha l-ittra hemm.

Rat in-nota ta' sottomissjonjiet tar-rikorrenti iprezentata fis-27 ta' Marzu 2012 u ta'l- intimat ipprezentat fis-6 ta' Lulju 2012.

**Ikkunsidrat**

Il-proceduri odjerni huma rizultat ta' ittra ufficjali mahruga a tenur tal-Artikolu 166A tal-Kap 12 tal-Ligijet ta' Malta, liema ittra ufficjali giet notifikata lir-rikorrenti gewwa l-Universita' ta' Malta.

Illi r-regoli tan-notifika fil-kaz odjern huma dawk stabbiliti fl-Artikolu 187 tal-Kap 12, liema artikolu, fis-subartikolu (1) tieghu jipprovdi li :-

"In-notifika ssir bil-kunsinna ta' kopja ta'l-iskrittura lill-persuna li lilha l-iskrittura għandha tkun innotifikata, jew billi dik il-kopja titħalla f'idejn membru tal-familja jew tad-dar jew f 'idejn wieħed fis-servizz ta' dik il-persuna jew f 'idejn il-prokuratur tagħha jew persuna awtorizzata minnha biex tirċievi l-posta tagħha, fil-lok fejn toqgħod jew taħdem jew fil-post tax-xogħol jew fl-indirizz postali tagħha"

Issa jirrizulta ben ippruvat illi l-Universita ta' Malta qatt ma inghatat xi awtorizazzjoni sabiex tircievi xi posta ghan nom tar-rikorrenti. Jirrizulta ukoll illi l-Universita' ta' Malta ma tinkwadra fl-ebda mill istanzi indikat fl-istess sub artikolu fejn notifika tista titqies bhala wahda valida.

Ghalhekk, il-Qorti ma tistax ma tasalx ghall konkluzjoni illi n-notifika ma kienetx wahda valida fil-Ligi.

**Konkluzjoni**

Il-Qorti,

Wara illi qieset il-provi kolllha u rat is-sottomissjonijiet tal-partijiet

tghaddi biex taqta u tiddeciedi billi

Tichad l-eccezzjonijiet imressqa mill-intimat u tilqa r-rikors tar-rikorrenti u tiddikjara li t-titolu ezekuttiv ottjenut abbazi ta'l-Ittra ufficjali 1646/2010 huwa null u bla effett u ghalhekk, abbazi ta' tali decizjoni, tirrevoka l-effetti kollha tal-Mandat ta' Sekwestru Ezekuttiv Nru 3520/2010.

L-ispejjez ta' dawna l-proceduri huma lkoll a karigu ta'l-intimat.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------